FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Novembru, 2001

**Numru 2**

**Avviz. numru 1058/01JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Clouds Catering Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-26 ta' Settembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' mitejn disgha u ghoxrin lira Maltija u tlett centezmi (Lm229.03) kwantu ghal mija disgha u disghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm199.16) Royalty u disgha u ghoxrin lira Maltija w sebgha u tmenin centezmu (Lm29.87) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, import tal-fattura datata l-1 ta'**

Dicembru, 2000 (Dok "A") in konnessjoni mal-licenzja Nru 011260 (Dok "B") rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Insomnia Bar, ghall-perjodu mis-6 ta' Dicembru, 2000 sal-5 ta' Dicembru 2001.

Is-socjeta' attrici tablet ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.

Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn disgha u ghoxrin lira Maltija u tlett centezmi (Lm229.03) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Dicembru, 2000, sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**